MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 192/2003

**Joseph Aguis sive Zahra.**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u Martin Zahra li b'digriet tat-12/03/03 gie nominat bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lil kull persuna interessata skond l-artikolu 92 tal-Kap 16.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-attur twieled fl-24 ta' April 1946 iben Carmelo Zahra (missier illegittimu u Carmela Difesa nee' Agius legalment separata minn zewgha. (Dok. "A");

Illi b'talba ta' omm l-attur ghan-nom ta' l-istess, gie dikjarat li Carmelo Zahra huwa l-missier naturali ta' l-attur b'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-25 ta' Frar 1953 fil-kawza *"Carmela mart Vincenzo Difesa minnu legalment separata noe vs. Carmelo Zahra et"* li saret definitiva;

Illi l-attur dejjem uza bla interruzzjoni kunjom missieru, ossija Zahra, u hekk huwa maghruf minn kullhadd;

Illi hu l-istess attur li twieled f'cirkostanzi analogi intavola kawza fil-Qorti Civili fl-ismijiet **"Martin Agius sive Zahra vs. Direttur tar-Registru Pubbliku u Joseph Zahra b'digriet tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju, 1976 kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-kull persuna interessata skond l- artikolu 106 tal-Kap. 23 tal-Ligijiet ta' Malta"** (Citazz. Nru.722/76/OG) fejn talab li, prevja d-dikjarazzjoni li kien igib kunjom missieru u maghruf bih, l-Qorti joghgobha tordna li l-istess dikjarazzjoni tigi registrata fir-registru pubbliku permess ta' nota fil-margni tar-registrazzjoni relattiva fir-registru tal-attijiet tat-twelid, liema talba intlaqghet mill-Qorti b'sentenza tat-18 ta' Novembru 1977 (Dok. "B");

Illi ghalhekk l-attur talab lill-konvenuti jghidu 'n vista tal-permess u prevja d-dikjarazzjoni ta' l-attur li kien gie konoxxut bhala l-iben naturali ta' missieru Carmelo Zahra **[ai termini tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 92 tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**] qabel l-1 ta' Jannar 1966 u li dejjem kien igib kunjom missieru u maghruf bih ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti, *ai termini* ta' l- **artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

(1) Tordna, *ai termini* **tas-subinciz (2) (b) ta' l-artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta**, li l-istess dikjarazzjoni tigi registrata fir-Registru Pubbliku permezz ta' nota fil-margni tar-registrazzjoni relativa fir-registru ta' l-attijiet tat-twelid u fl-att tat-twelid Numru 7762/46;

(2) Tordna, *ai termini* tas-**subinciz (1) ta' l- artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li l-attur jassumi l-kunjom

tal-missier naturali tieghu, ossija Zahra, u dan ad esklusjoni ta' kwalsijasi kunjom iehor.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda li ghamel l-attur a fol. 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-rikors tal-attur tal-24 ta' Frar, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti biex tinnomina kuraturi deputat biex jirrapprezentaw lil kull persuna interessata skond l-**artikolu 92 tal-Kap 16 fil-Ligijiet ta' Malta** fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija u fl-atti l-ohra relativi u sussegwenti, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi;

Rat id-digriet datat 25 ta' Frar 2003 fejn l-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' Martin Zahra datata 7 ta' Marzu 2003, fejn permezz taghha ddikjara li accetta li jirrapprezenta lill kull min ghandu interess fil-kawza;

Rat il-verbal datat 27 ta' Mejju 2003;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku tad-9 ta' Gunju 2003 fejn gie eccepit:-

(1) Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

(2) Illi f' kaz li t-talbiet ta' l-attur jigu akkolti, Carmelo Zahra ghandu jigi ndikat bhala *"missier illegittimu"*, oltre l-fatt li ghandhom jigu kancellati l-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolarijiet ta' l-omm;

(3) Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li

ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjz ta' l-istanti;

(4) Salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni gurmentata tal-konvenut a fol. 34;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti a. fol. 35;

Rat in-nota tal-attur datata 1 ta' Settembru 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat in-nota tal-konvenut datata 19 ta' Settembru 2003 li permezz taghha tirrizeva d-dritt tal-kontro-exami tax-xhieda moghtija permezz ta' l-affidavit ta' l-attur;

Rat il-verbal tal-21 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2003;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attur fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jiena Joseph Agius sive Zahra twelidt fl-24 ta' April minn Carmela nee' Agius u Carmelo Zahra, missier illegittimu. Nispjega illi ommi Carmela Agius kienet mizzewga ma' certu Vincent Difesa u kienet legalment separata minnu hafna qabel ma twelidt jien. Fil-fatt ommi kienet tikkoabita mal-missier naturali tieghi Carmelo Zahra, u minnu kellha disat itfal, fosthom jien".*

*"Illi jiena sa mill-bidu nett kont konoxxut mill-missier naturali tieghi Carmelo Zahra, dejjem uzajt bla interruzzjoni l-kunjom Zahra, u hekk jien maghruf minn kulhadd. Hawnhekk qed nesebixxi ukoll varji dokumenti li juru li jien dejjem uzajt dan il-kunjom":*

*Dok. "JZ1" - Kopja tal-pagna ta' wara tal-Passaport;*

*Dok. "JZ2" – Kopja tal-karta tal-identita';*
*Dok. "JZ3" – Kopja tal-licenzja tas-sewqan;*
*Dok. "JZ4" – Kopja ta' kont tal-Melita Cable Television;*
*Dok. "JZ5" – Kopja ta' payslip tal-pensjoni;*
*Dok. "JZ6" – Kopja ta' envelope ta' ittra li rcevejt mill-Awtorita' tad-Djar;*
*Dok. "JZ7" – Vera Kopja ta' Certifikat taz-zwieg tieghi.*

*Illi nispjega illi ommi kienet istitwiet kawza ghan-nomi tieghi u ta' huti li twieldu minn missieri Carmelo Zahra f'liema kawza, li saret definittiva b'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maesta' Taghha r-Regina fil-25 ta' Frar 1953 fl-ismijiet* ***"Carmela mart Vincenzo Difesa minnu legalment separata noe vs Carmelo Zahra et****", gie dikjarat li Carmelo Zahra huwa l-missier naturali tieghi u ta' huti. Kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. "JZ8".*

*"Illi nispjega illi fil-fehma tieghi l-problema dwar il-kunjom Agius tohrog mill-fatt li dan kien kunjom ommi ta' xebba, u li meta sseparat minn ma' Vincent Difesa, hija regghet bdiet tuza dan il-kunjom kif kienet fil-ghamlet ukoll ohti l-kbira li kien gja kellha miz-zwieg ma' Vincent Difesa li hija "half sister" tieghi".*

*"Illi nispjega li jien ma nafx ezatt f'liema zmien inqala' il-kunjom Agius fil-kaz. Okkazjonalment kont nircievi xi karti b'kunjomi miktub bhala "Agius known as Zahra" izda qatt ma tajt wisq kaz taghhom ghax ma kelli ebda problema f'dokumenti ohra bhall-karta ta' l-Identita' u l-Passaport fejn kont imnizzel bhala Joseph Zahra".*

*"Illi kuntrarjament ghal li ghamilt jiena, meta wasal biex jizzewweg hija Martin Zahra li twieled fl-istess cirkostanzi tieghi kienet inqalghatlu problema fil-karti taz-zwieg u kien qabad u istitwixxa kawza biex isolvi din il-kwistjoni qabel ma' izzewweg. Vera kopja ta' din is-sentenza (Citazz. Nru 722/76) hija anness mac-citazzjoni fil-kawza odjerna u mmarkata bhala Dok. "B".*

*"Illi jien qed nistitwixxi din il-kawza peress illi wara li tul dan iz-zmien kollu ma kellix problemi b'kunjomi bhala*

*"Zahra" biss, dan l-ahhar ergajt iltqajt ma' din il-problema meta inqalghet kwistjoni fejn uhud minn uliedi gew biex jirrinnovaw il-karta ta' l-identita' taghhom u kunjomhom kien qed jidher, ghall-ewwel darba bhala "Agius sive Zahra". Nispjega li din il-problema qatt ma' kienet inqalghet qabel ghax fic-certifikati tat-twelid li kienu johorgulhom, dawn dejjem kienu jidhru bhala Zahra. Izda issa fil-fatt jirrizulta illi fic-certifikat tat-twelid is-shih taghhom, hemm il-kunjom "Agius Sive Zahra" fic-certifikat ta' erbgha minn tmienja minnhom".*

*"Illi ghalhekk hassejt li kelli naghmel din il-kawza biex imbaghad huma ma jkollhomx problemi biex jirrangaw din il-kwistjoni."*

**<u>II. IL-MERTU TAL-KAWZA.</u>**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur numru 7762/46 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom "Zahra" u mhux "Agius Zahra" kif indikat fl-istess Certifikat. L-attur jiddikjara illi huwa ltaqa` mal-problema meta xi whud minn uliedu geddew il-karta' ta' l-identita` taghhom u u fuq din il-karta' ta' l-idenitita` ghall-ewwel darba deher il-kunjom "Agius", cjoe` dak ta' xbubit ommu. Fit-certifikati tat-twelid ta' uliedu dejjem deheru bhala "Zahra" pero` meta ccekja mac-certifikat tat-twelid is-shih, induna li erba` minn tmienja kienu registrati bhala "Agius Zahra."

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati. Omm l-attur kienet fethet kawza fl-ismijiet **"Carmela mart Vincenzo Difesa minnu legalment separata noe vs Carmelo Zahra et",** deciza 25 ta' Frar 1953, fejn kien gie dikjarat li Carmelo Zahra huwa l-missier naturali ta' l-attur u ta' hutu. Ghalhekk l-istess attur qieghed jitlob li din id-decizjoni tigi riflessa fic-certifikat tat-twelid tieghu.

Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatabbli u inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u prevja d-dikjarazzjoni li l-attur kien gie konoxxut bhala l-iben naturali ta’ missieru Carmelo Zahra, (*ai termini* **tas-subinciz (3) tal-artikolu 92 tal-Kap 16)** qabel l-1 ta’ Jannar 1996 u li l-istess attu dejjem kien igib kunjom missieru “Zahra” u hekk huwa fil-fatt maghruf, **tilqa’ t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b’dan li:-

1. Tordna, *ai termini* **tas-subinciz (2) (b) ta’ l-artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta**, li l-istess dikjarazzjoni tigi registrata fir-Registru Pubbliku permezz ta’ nota fil-margni tar-registrazzjoni relativa fir-registru ta’ l-attijiet tat-twelid u fl-att tat-twelid Numru 7762/46, b’dan li fl-istess certifikat Carmelo Zahra ghandhu jigi ndikat bhala “missier illegittimu tal-attur, u kull riferenza ghall persuna ohra bhala missier l-istess attur ghandha tigi kancellata, inkluz l-kliem *“the said”* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm, b’dan li d-dettalji kollha tal-istess Carmelo Zahra ghandhom jigu ndikati fl-istess certifikat bhala dawk tal-missier naturali tal-attur;

2. Tordna, *ai termini* tas- **subinciz (1) ta’ l- artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta** li l-attur jassumi l-kunjom tal-missier naturali tieghu, ossija “Zahra”, u dan ad eskluzjoni ta’ kwalsijasi kunjom iehor.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

L-ispejjez ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti odjerni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------